DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2011/691/PESK

tas-17 ta' Ottubru 2011

li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fil-Kosovo [1]

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28, 31(2) u 33 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-4 ta' Frar 2008, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO [2], u l-Azzjoni Konġunta 2008/123/PESK [3] li taħtar lis-Sur Pieter FEITH bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) fil-Kosovo.

(2) Fil-5 ta' Mejju 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/270/PESK [4] li taħtar lis-Sur Fernando GENTILINI bħala r-RSUE fil-Kosovo sal-31 ta' Lulju 2011.

(3) Fit-28 ta' Lulju 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/478/PESK [5] li testendi l-mandat tar-RSUE sat-30 ta' Settembru 2011.

(4) Il-mandat tar-RSUE għandu jiġi estiż sal-31 ta' Jannar 2012.

(5) Ir-RSUE ser jimplimenta l-mandat tiegħu fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' twaqqaf milli jintlaħqu l-objettivi tal-azzjoni esterni tal-Unjoni kif imsemmija fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċizjoni 2011/270/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea

Is-Sur Fernando GENTILINI huwa b'dan maħtur bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) fil-Kosovo mill-1 ta' Mejju 2011 sal-31 ta' Jannar 2012. Il-mandat tar-RSUE jista' jintemm qabel, jekk il-Kunsill jiddeċiedi hekk, fuq proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ).".

(2) L-Artikolu 5(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub sabiex ikopri n-nefqa relatata mal-mandat tar-RSUE fil-perijodu mill-1 ta' Mejju 2011 sat-30 ta' Settembru 2011 għandu jkun ta' EUR 690 000.

L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-mandat tar-RSUE fil-perijodu mill-1 ta' Ottubru 2011 sal-31 ta' Jannar 2012 għandu jkun ta' EUR 770 000.".

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-1 ta' Ottubru 2011.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Ottubru 2011.

Għall-Kunsill

Il-President

M. DOWGIELEWICZ

---

[1] Skont ir-Riżoluzzjoni 1244 (1999) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

[2] ĠU L 42, 16.2.2008, p. 92.

[3] ĠU L 42, 16.2.2008, p. 88.

[4] ĠU L 119, 7.5.2011, p. 12.

[5] ĠU L 197, 29.7.2011, p. 12.